MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-21 ta' Mejju, 2009

Numru. 992/2005

**IL- PULIZIJA**
**SPETTUR PAUL VASSALLO**

**KONTRA**

**EMMANUEL BAJADA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Emmanuel Bajada ta’ 55 sena, bin Carmelo u Carmela nee’ Zammit, mwieled Hamrun, nhar l-20 ta’ Dicembru 1953, residenti fil- fond Manor Court, Block F, Flat 4, Triq it- Turisti, Qawra u detentur tal- Karta tal- Identita’ bin-numru 70054 (M);

Li gie mressaq quddiemha sabiex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet:

Talli f'dawn il- Gzejjer, fit- 13 ta' Mejju 2005 u fix- xhur ta' qabel, b'diversi atti, wkoll jekk maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l- istess dispozizzjoni tal- Ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

Ghamel atti ta' money laundering billi:

1) ikkonverta jew ittrasferixxa propjeta' meta kien jaf li dik il- propjeta' kienet direttament jew indirettament inkisbet, jew mir- rikavat ta' attivita' kriminali, ghall- iskop ta' jew skopijiet ta' habi jew wiri haga b'ohra ta' l- origini tal- propjeta' jew ta' ghoti ta' ghajnuna lil xi persuna jew persuni involuti jew koncernati f'attivita kriminali;

2) heba jew wera haga b'ohra tal- veri xorta, provenjenza, lok, dispozizzjoni, moviment ta' jeddijiet rigward, fi jew fuq propjeta' meta dan kien jafu li dik il-propjeta' kienet inkisbet direttament jew indirettament minn attivita' kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

3) akkwista propjeta' meta kien jaf li l- istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita' kriminali;

4) bir- ritensjoni minghajr skuza ragonevoli ta' propjeta' meta kien jaf li l- istess propjeta' kienet inkisbet jew originat direttament jew indirettament minn attivita kriminali jew minn att jew atti ta' partecipazzjoni f'attivita kriminali;

5) ittenta jaghmel il- hwejjeg jew attivitajiet illegali fuq imsemmija;

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni ghal dawn l-imputazzjonijiet fl-aktar stadju bikri f' dawn il-proceduri, mal-qari tal-imputazzjonijiet kontra tieghu u fl-istadju tal-ezami, waqt is-seduta tas-6 ta' April 2006, liema ammissjoni giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew din l-ammissjoni tieghu;

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datata 2 ta' April 2009, ai termini tal-Artikolu 3(2A)(b)(c) tal-Kap 373 tal-Ligijiet ta' Malta, sabiex l-imputat jigi pprocessat quddiem din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

**Ikkunsidrat:**

Illi din il-kawza essenzjalment tittratta r-reat ta' hasil ta' flus, maghruf bhala "money laundering", jigifieri li flus gejjin minn attivita' illecita jigu ccirkolati fis-sistema ekonomika sabiex l-origini illecitu taghhom jigi mistur. Ikkombinat ma' dan ir-reat, l-imputat ghadu ghaddej ukoll proceduri ohra quddiem din il-Qorti diversament presjeduta ghar-reat li minnu originaw il-flus mertu ta' din il-kawza. Mill-ewwel gurnata ta' smigh ta' din il-kawza, id-difiza ghamlitha cara li hi m'hix ha tikkontesta l-kawza u ha tirregistra ammissjoni, haga li fil-fatt ghamlet mil-bidu nett. Minkejja dan, peress illi l-piena massima ghall-istess reat kienet wahda ta' erbatax-il sena prigunerija, l-Avukat Generali ordna li tissokta l-kumpilazzjoni u jingabru l-provi kollha relatati mal-kaz sabiex, eventwalment, il-process kollu jintbaghat lill-Qorti Kriminali b'Att ta' Akkuza kontra l-imputat. Fil-mori tal-kawza, dahlu emendi fil-Kap 373 li jirregola r-reat ta' "money laundering", u sussegwentement l-Avukat Generali baghat il-process kollu quddiem din il-Qorti sabiex tinghata sentenza fil-konfront tal-imputat. Ghalhekk din il-Qorti kellha r-retroxena kollha tal-process, semghet il-provi kollha

rigward dan il-kaz, u setghet ghalhekk tghaddi ghas-sentenza.

Il-partijiet ittrattaw fit-tul fuq il-piena. Il-Prosekuzzjoni insistiet ghal piena ta’ prigunerija effettiva, fuq il-linji ta’ sentenzi ta’ din il-Qorti bhal dik moghtija fil-kawza fl-ismijiet “Pulizija vs Ariam Edilberto Lore’”, deciza fis-27 ta’ Novembru 2008, u tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Pulizija vs Nevio Barut”, deciza fis-16 ta’Mejju, 2008. Id-difiza, min-naha l-ohra, argumentat favur sentenza ta’ prigunerija sospiza, fuq il-linji tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet “Pulizija vs Carmen Butler”, deciza fis-26 ta’ Frar 2009. Tenut kont ta’ dawn is-sottomissjonijiet, ghalhekk, il-Qorti esaminat bir-reqqa l-provi prodotti fil-kawza.

Illi mill-provi prodotti rrisulta li l-imputat involva ruhu fit-tmexxija ta’ zewg “guest houses” li kienu qed jintuzaw ghal prostituzzjoni, l-“Adam’s Guest House” f’ San Giljan u l-“Pace’s Guest House” f’ tas-Sliema. Din l-attivita’ damet anqas minn xaharejn, ghax il-Pulizija intervjenew f’ Mejju tal-2005 u arrestaw il-persuni kollha involuti hemm, u bdew diversi investigazzjonijiet mill-Iskwadra Kontra l-Vizzji, u sussegwentement din inkludiet ukoll il-hasil ta’ flus. Ir-rikavat minn din l-attivita’ kien ta’ madwar elf u tmien mitt Liri Maltin, li nofshom intuzaw ghall-hlas tal-kera mensili ta’ “guest house” minnhom. Iz-zewg stqarrijiet tal-imputat, esebiti a fol. 35 et seq. tal-process, jikkorroboraw dan kollu u juru l-kooperazzjoni totali tal-imputat u l-ghinuna li hu kompla jaghti lill-Pulizija fl-investigazzjonijiet taghhom kontra terzi, li wasslet ghall-istituzzjoni ta’ proceduri kriminali kontra persuni ohra fuq ir-reat ta’ prostituzzjoni u tmexxija ta’ burdell taht il-Kap 63 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Minn dan kollu, il-Qorti ma tara ebda raguni ghaliex ghandha taghti piena ta’ prigunerija effettiva f’ dan il-kaz. Ir-reat hu wiehed serju hafna, u jekk tislet paragun mas-sentenza ta’ Butler hawn fuq imsemmija, din il-Qorti ma tarax ghalfejn m’ghandhiex tinghata piena simili ghal dik. Veru li fil-kaz ta’ Butler kien hemm talba ghal klemenza fil-piena mil-gurija, u kienu jezistu cirkostanzi partikolari fuq l-

imputata u bintha ko-akkuzata. Madankollu, l-ammont ta' flus hemmhekk involut fir-reat kien wiehed ferm oghla minn dak mertu ta' din il-kawza, u l-imputat Bajada, kif gia' qalet il-Qorti, assista lill-Pulizija fl-investigazzjoni sa mill-bidu nett. Inoltre, is-sentenzi citati mill-Prosekuzzjoni, dawk ta' Lore' u ta' Barut, fl-ewwel kawza, l-ammissjoni giet irregistrata biss wara li l-Prosekuzzjoni kienet waslet biex taghlaq il-provi taghha, u fit-tieni kaz, Barut kien akkuzat ta' reati ohra apparti dak ta' hasil ta' flus. Il-Qorti qed izzomm quddiem ghajnejha l-fatt li l-imputat ghad ghandu proceduri penali ohra pendenti dwar l-involviment tieghu fil-"guest houses", u ghalhekk m'hijiex tal-fehma li l-imputat ghandu jigi ggudikat darbtejn fuq reati taht il-Kap 63. Ghalhekk il-Qorti sejra timponi piena ta' prigunerija sospiza, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9, flimkien ma' multa, biex isservi ta' messagg car li l-ebda qligh m' ghandu qatt jirrizulta minn attivita' kriminali.

Kwantu ghall-applikazzjoni tal-Artikolu 18 tal-Kapitolu 9, il-Qorti tirreferi ghas-sentenza ta' Butler hawn fuq indikata, u taghmel taghha l-fehmiet espressi mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l-Artikolu 3 tal- Att kontra l- Money Laundering tal- Kapitolu 373 u l- Artikolu 18 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat Emanuel Bajada hati, u tikkundannah terminu ta' prigunerija ta' sentejn sospizi ghal erba' snin, ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Tikkundannah ukoll ghal multa ta' hamsin elf Ewro (€50,000.00).

Il- Qorti spjegat il- portata tas-sentenza lill- imputat.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------